MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2008

Numru 1082/2005

Il-Pulizija
(Spettur Daniel Zammit)

Vs.

Joseph Gatt
Joseph Grech

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputati detenturi tal-karta tal-identità numri 170373(M) u 095864(M) rispettivament akkuzati:

Lil Joseph Gatt wahdu talli:

1. ghal habta ta’ 18:00hrs, seraq projector tal-marka Philips li l-valur taghha jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000) minn gewwa l-hanut Doneo, Triq ix-Xatt, Sliema u dan ai danni tad-diretturi u sidien tal-istess hanut u dan ai termini

tal-Artikoli 261(c), 267 u 279(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. huwa recidiv b'sentenza datata 29 ta' Novembru, 1993 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Lil Joseph Gatt u Joseph Grech talli:

fl-14 ta' Marzu 2003 u fit-28 ta' Marzu 2005 gewwa tas-Sliema, Hal Tarxien u gewwa dawn il-Gzejjer, xjentament xtraw jew laqghu ghandhom oggetti misruqa li l-valur taghhom jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000), u cioè projector tal-marka Philips, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod iehor kienu ndahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet lill-imputati fl-udjenza tal-lum jirregistraw ammissjoni fl-liema ammissjoni huma ppersistew anka wara li l-Qorti tathom zmien jirrikonsidraw.

Ikkonsidrat:

Illi stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata taghhom, wara li qieset li l-oggetti gew restitwiti u qieset ukoll l-varianti fir-reati addebitati lil kull wiehed mill-imputati u wara li rat l-Artikolu 261(c), 267, 279(b), 49, 50, 334 u 17 tal-Kap 9 qeghda taqta' u tiddeciedi billi ssib l-imputati hatja tar-reati lilhom addebitati izda tilliberahom bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap 446 fil-konfront tal-imputat Joseph Gatt ghall-perjodu ta' sentejn mil-lum waqt li fil-konfront tal-imputat Joseph Grech ghall-perjodu ta' sena mil-lum u dana sakemm l-imputati ma jikkommettux reat iehor fl-imsemmi perjodu. Il-Qorti spjegat lill-imputati r-responsabilità reciproka taghhom taht dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------